# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 11

## IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11

L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2018

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq il-Qasab, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sur Anthony Chricop – Sindku Tas-Sliema

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan

ASSENTI

Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il- President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

11.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Anthony Dalli u tas-Sur Andre Grech u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

## 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

11.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 10 li saret nhar l-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2018 kienu meħuda bħala moqrija.

11.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi President u Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondati mis-Sindku ta' Ħal Lija, mis-Sinjura Magda Magri Naudi.

## 11.3 Komunikazzjoni mill-President

11.3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri dwar l-applikazzjoni li dan ir-Reġjun issottometta sabiex ikun *partner* fil-proposta li kienet ġiet diskussa fil-laqgħa preċedenti tar-Reġjun bl-isem - *Activation of Vulnerable Groups of Society in Rural and Remote Areas – Empowerment through Social Investments*'. L-applikazzjoni ġiet sottomessa nhar is-Sibt 30 ta' Ġunju 2018 u r-iżultati ta' din l-applikazzjoni ser jitħabbru nhar il-15 t'Ottubru 2018.

11.3.2 Huwa spjega kif aktar dettalji dwar din l-applikazzjoni jingħataw aktar 'l quddiem.

11.3.3 Il-President spjega kif matul dawn l-aħħar jiem is-Segretarju Eżekuttiv kienet bagħtet korrispondenza dwar il-Miżura numru 4.4 dwar '*Support for non-productive investments linked to the achievement of agri-enironment-climate objectives*'. Huwa ħeġġeġ lil dawk il-lokalitajiet li jixtiequ jagħmlu użu minn dawn il-fondi sabiex jinfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 13 ta' Lulju 2018.

11.3.4 Intbagħtet ukoll emejl minn *partner* fl-Italja sabiex jara jekk hemmx xi Kunsill Lokali li jitħajjar japplika f'dan il-proġett dwar l-immigranti. Min hu nterressat għandu jagħmel kuntatt mas-Segretarju Eżekuttiv sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 13 ta' Lulju 2018. Aktar kmieni illum ġejna nfurmati li l-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan esprima l-interess tiegħu għal din is-sejħa.

11.3.5 Il-President informa lill-membri li dan ir-Reġjun għandu jiftaħ kont ma' l-APS Bank sabiex fih jibda jitpoġġa is-salarju tal-ħaddiema b-sitt xhur 'il quddiem biex hekk ir-Reġjun ikollu rasu mistrieħa li jkun hemm biżżejjed flus għas-salarji.

11.3.6 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

## 11.4 Tweġibiet mill-Mistoqsijijiet tal-Membri

11.4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lill-membri jekk kienx hemm mistoqsijiet li xtaqu jressqu waqt din il-laqgħa.

11.4.2 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa mill-membri.

## 11.5 Rapporti

11.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

## 11.6 Vakanza – *Accounts Officer*

11.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li nhar it-Tlieta 26 ta' Ġunju 2018, is-Segretarju Eżekuttiv irċeviet ittra ta' riżenja mis-Sur Ian Magro fejn l-impjieg tiegħu ser jintemm fil-31 ta' Lulju 2018. Għal din ir-raġuni, fuq l-approvazzjoni mid-Dipartiment kif ukoll mill-Jobsplus, inħarġet sejħa interna lill-Kunsilli Lokali kif ukoll lir-Reġjuni sabiex jintlaqu l-applikazzjonijiet sa mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa 11 ta' Lulju 2018, f'nofsinhar. B'kollox kien hemm applikazzjoni waħda li ġiet sottomessa u għal din ir-raġuni għandu jinħatar bord u tintagħżel data u ħin sabiex tkun tista ssir l-intervista.

11.6.2 Ġie deċiż li l-bord ser ikun kompost mis-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, is-Sindku tal-Gzira, is-Sur Conrad Borg Manche, flimkien mal-President u s-Segretarju Eżekuttiv ta' dan ir-Reġjun. L-intervista għandha tinżamm nhar it-Tlieta 17 ta' Lulju 2018 fid-9 ta' filgħodu ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun.

## 11.7 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *Aġġornament fuq il-multi pendenti*

11.7.1 Il-President informa lill-membri dwar l-ittri legali fejn fil-lokalità ta' San Ġwann ġew imħalsa 166-il ċitazzjoni li jammontaw għal €8,899.30. Wara li ġew imnaqsa l-ispejjeż ta' l-avukat ta' €3,651.53, il-Kunsill Lokali ta' San Ġwann ser jingħata l-ammont ta' €5,247.77.

11.7.2 L-ittri legali tal-Pietà ġew imħalsa 35-il ċitazzjoni li jammontaw għal €1,986.52. Wara li ġiet imnaqsa l-ispiża ta' l-avukat ta' €1,555.20, dan il-Kunsill ser jingħata l-ammont ta' €431.32.

11.7.3 L-ittri legali ta' Ħal Lija ġew imħalsa 14-il ċitazzjoni li jammontaw għal €778.85. Wara li ġie mnaqqas l-ispiża ta' l-avukat ta' €634.13, dan il-Kunsill ser jingħata l-ammont ta' €144.72.

11.7.4 L-ittri legali ta' l-Iklin ġew imħalsa 41-il ċitazzjoni li jammontaw għal €2,259.37. Wara li ġiet imnaqsa l-ispiża ta' l-avukat ta' €707.50, dan il-Kunsill ser jingħata l-ammont ta' €1,551.87.

11.7.5 L-ittri legali ta' Ħal Balzan ġew imħalsa 7 ċitazzjonijiet li jammontaw għal €395.07. Wara li ġiet imnaqsa l-ispiża ta' l-avukat ta' €529.32, dan il-Kunsill spiċċa b'134.25 minn taħt. Għal

din ir-raġuni mhux ser jingħata l-ebda ammont.

11.7.6 Dawn l-ammonti ġew inklużi fl-iskeda tal-pagamenti f'din il-laqgħa.

- *E-mejl mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija*

11.7.7 Dan il-Kunsill xtaq jemenda l-ammont li ntnefqet sabiex saru tabelli madwar ir-raħal u li kienet ġiet ippreżentat u approvata fil-laqgħa numru 10 ta' ġunju 2018. L-ammont għandu jkun ta'€1085.88 u mhux ta' €1,069.70.

- *Każ ta' Mandat ta' Sekwestru*

11.7.8 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega kif fil-preżent dan ir-Reġjun għandu każ ta' mandat ta' sekwestru fuq is-Sur Raymond Azzopardi li kien sar fi żmien il-Kumitat Konġunt ta' Birkirkara. L-ammont dovut f'ċitazzjonijiet huwa ta' €1,895.30 flimkien ma' l-ispejjez legali ta' €384.74. L-ispejjez ta' l-aħħar iridu jiġu mħalsin meta is-Sur Azzopardi jiffirma l-kuntratt li ġie ppreparat mir-Reġjun. L-Avukat Dott. Sladden infurmana li is-Sur Azzopardi huwa obligat li jħallas l-interessi pero din id-deċizjoni għandu joħodha r-Reġjun.

11.7.9 Il-membri preżenti evalwaw dan il-każ u unanimament qablu li peress li l-multi huma kollha fuq edukazzjoni dawn għandhom jiġu rtirati. Però riedu jkollhom parir mingħand l-avukat Dott Sladden jekk l-ispejjeż legali għandhomx xorta jiġu mħalsa. Jekk hu hekk, is-Sinjur Azzopardi għandu jħallas dan l-ammont b'mod immedjat sabiex ikunu jistgħu jwaqqfu l-każ.

## 11.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

11.8.1 Il-Viċi President u Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, sekondat mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 10A u 10B.

11.8.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 11.9 Mozzjonijiet

11.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 11.10 Preżentazzjoni dwar Outreach Program – "Kun af Dwar il-Mediċini Tiegħek

11.10.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, stieden lis-Sa. Mary Lupo, li hija Principal Pharmacist, sabiex tagħti preżentazzjoni qasira dwar programm bl-isem 'Kun af dwar il-mediċini tiegħek'.

10.10.2 Is-Sa. Lupo spjegat li huma jixtiequ jkunu mistiedna f'kull lokalità sabiex ikunu jistgħu jgħatu preżentazzjoni ta' siegħa lir-residenti ta' kull lokalita biex b'hekk jiġu mgħarrfa b'mod aħjar dwar il-mediċini.

10.10.3 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, irringrazzja lis-Sa. Lupo u stieden lill-membri sabiex jieħdu ħsieb jorganizzaw din il-laqgħa fil-Kunsill rispettiv tagħhom.

## 10.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.11.1 Il-laqgħa intemmet fit-6:10pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 8 ta' Awwissu 2018 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 8 ta' Awwissu, 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |